MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 196/2005

Nazzareno sive Reno Muscat u martu Anna Muscat
vs
Costantino Muscat f'ismu propju u bhala prokuratur ta' l-assenti Joseph Muscat, Giovanna Mizzi , Mose Muscat, Rosario Muscat, Maria Dolores Camilleri u b'digriet tas-7 ta' Frar 2006 l-atti gew trasfuzi f'isem Ruth mart Brian John Agius, Janelle Camilleri u Peter Camilleri, Carmel Muscat, Emanuel Muscat, Costantina sive Connie Cassar, Maria Carmela Muscat, Peter Muscat, Salvina Farrugia, Salvu Muscat u Carmelo Muscat u Publius, Michelangelo, Mario u Joseph ahwa Farrugia, Marguerite Vella f'isimha propju u bhala prokuratrici ta' l-assenti Carmen Zerafa, Josie Muscat, Angela Mallia, Rose Buhagiar, Carmel Muscat, Teresa Muscat u Grace Saliba f'isimha propju u bhala prokuratrici ta' l-assenti Concetta sive Connie Carr, u John Muscat, Frances Bianchi, Carmen Muscat, Antonia Muscat, Catherine Muscat, Joseph Muscat, Josephine Schembri, Emanuel Schembri u Rita Theuma

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni tal-atturi li biha ppremettew:

Illi permezz ta' sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Costantino Muscat proprio et noe vs Nazzareno sive Reno Muscat et [Cit. Nru.:- 592/96AJM] deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Ottubru 2001, il-Qorti kienet ikkundannat lill-atturi sabiex jaghtu lill-konvenuti cavetta/muftieh ta' postijiet fosthom tal-fond ir-razzett u l-giardina maghrufa ta' Zitellu, Curved Street, gja Triq tal-Macina, kontrada tan-Nigriet, Zurrieq;

Illi din is-sentenza kienet giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza moghtija fl-1 ta' Ottubru 2004;

Illi permezz ta' digriet moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Frar 2005, il-Qorti kienet ordnat il-hrug ta' mandat in factum kontra l-atturi;

Illi mandat in factum ma setax jinhareg ghal finijiet ta' obbligazzjoni *di dare* u in oltre fl-ghoti tad-digriet il-Qorti kienet naqset milli tipprocedi skond il-provvedimenti li jirregolaw il-hrug ta' dan il-mandat;

L-atturi talbu lill-Qorti:

1. Thassar u tirrevoka d-digriet moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Frar 2005 li permezz tieghu ordnat il-hrug ta' mandat *in factum* [numru 300/05] kontra l-atturi.

2. Tiddikjara li dak kollu li seta' sar in esekuzzjoni u wara li nghata l-imsemmi digriet huwa null u minghajr ebda effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-atturi.

**B. ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi l-kawza odjerna ma kienet xejn hlief tentattiv iehor da parti tal-atturi biex ikomplu jisfidaw l-ordni moghtija lilhom fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-3 ta' Ottubru 2001, li kient giet konfermata mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Ottubru 2004, u issa anke d-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-17 ta' Frar 2005, sabiex abusivament u illegalment jibqghu ma jhallux access liberu a favur il-konvenuti ghar-razzett u gardina maghrufa bhala ta' Zitellu f'Curved Street gja Triq tal-Macina, kontrada tan-Nigret, Zurrieq u jfixkluhom fil-pusses tieghu.

2. Illi ma kienx minnu li l-obbligazzjoni li l-konvenuti jithallilhom access liberu ghar-razzett u l-gardina in kwistjoni kienet wahda ***di dare*** izda hi kjarament wahda ***di fare*** u inoltre lanqas huwa minnu li din il-Qorti (diversament preseduta) ma mxietx skond il-provvedimenti li jirregolaw il-hrug tal-mandat ***in factum*** meta tat id-digriet in kwistjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**
Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur <u>Nazzareno sive Reno Muscat</u>.

Gie prezentat affidavit ta' Nazzareno Muscat li fih ikkonferma li fl-1 ta' Ottubru 2004 il-Qorti ta' l-Appell kienet tat-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Costantino Muscat et vs Nazzareno Muscat et** (Cit. Nru.: 592/96AJM) fejn kienet cahdet l-appell li x-xhud kien ghamel mis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti. Hu jaf li b'rizultat ta' dawn is-sentenzi huma kienu gew kundannati jaghtu kopja tac-cavetta ghar-razzett u gjardina maghrufa bhala ta' Zitellu, Curved Street, Zurrieq. Din il-proprjeta` kienet parti mill-wirt tan-nanniet tieghu. Ikkonferma li wara li kienet nghatat is-sentenza kienu ghaddejjin trattattivi mal-parti l-ohra biex issir il-qasma bi ftehim. Hu kien gie mgharraf mill-avukat tieghu li l-parti l-ohra kienet ser tqabbad perit biex imur jara l-post u jaghtihom stima, biex wara jaghmlu proposta biex hu jakkwista s-sehem li fadal. Qallu wkoll biex jizgura ruhu li dakinhar li jkun ser jmur il-perit ikun fuq il-post u jara li ma jinqalax inkwiet. Jaf ukoll li ntbaghatu ittri bejn l-avukat tieghu u l-avukat tal-parti l-ohra. Matul iz-zmien li kien qieghed jistenna li jircievi l-avviz minghand il-perit, kienu marru l-marixxalli tal-Qorti flimkien ma' pulizija u qalulu li hu u l-mara tieghu kienu ser jittiehdu l-habs ghaliex ma kienx taghhom ic-cwievet. Dakinhar kien qieghed ghall-kwiet fil-garaxx li kellu mad-dar. Qalulu li l-Qorti kienet ordnat li jintbaghatu l-habs. Il-marixxali bdew jinsistu li jehduh il-habs. Hu cempel lil Dr. Vincent Galea li hu n-neputi tieghu, ghaliex ma setax jaqbad lill-avukat tieghu. Dr. Vincent Galea kien mar fuq il-post u l-marixxali kienu nghataw kopja tac-cavetta. L-avukat tieghu kien talab lill-Qorti biex thassar l-ordni li jintbaghatu l-habs, pero` minn dak li qallu l-avukat jaf li t-talba taghhom giet michuda.

Gie prezentat affidavit ta' Dr.Anthony Ellul li fih semma li hu kien l-avukat li ppatrocina lil Nazzareno u Anna konjugi Muscat fl-appell tal-kawza fl-ismijiet **Costantino Muscat et vs Nazzareno Muscat et.** Il-Qorti ta' l-Appell kienet iddecidiet din il-kawza fl-1 ta' Ottubru 2004 u kkonfermat is-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti fit-3 ta' Ottubru 2001. Permezz ta' dawn is-sentenzi l-klijenti tieghu kienu gew kundannati sabiex jaghtu c-cavetta/muftieh tar-razzett u l-giardina maghrufa bhala Ta' Zitellu, Curved

Street, Zurrieq. Fil-proceduri fuq imsemmija, l-avukat tal-parti l-ohra kien Dr. Joseph Zammit Maempel. Ikkonferma li wara li kienet inghatat is-sentenza d-difensur tal-parti l-ohra kien kiteb lill-klijenti tieghu biex jaghtu c-cavetta tal-fond. Kienet giet skambjata sensiela ta' korrispondenza u sa dak iz-zmien ic-cwievet tal-fond baqghu ghand il-klijenti tieghu. Hu u l-avukat Dr. Zammit Maempel kienu tkellmu fis-sens li l-klijenti tieghu kellhom jinkarigaw perit sabiex imur fuq il-post u jaghmel stima tal-post, bl-intendiment li jsiru trattattivi ghall-qasma tal-proprjeta`. Mill-informazzjoni li gabar jirrizulta li l-klijenti tieghu kellhom l-akbar sehem tal-proprjeta` li trid tinqasam. Il-kliem ta' Dr. Zammit Maempel kien biex meta jmur il-perit, il-klijent tieghu jiftahlu bla paroli u b'hekk jinzammu l-affarijiet kwieti bit-tama li fl-interess taghhom iwasslu lill-klijenti ghal ftehim bonarju. Hu ta struzzjonijiet lill-klijent tieghu biex jizgura li meta jmur il-perit jiftah u jara li ma jinqalax inkwiet. Fil-perjodu li l-klijent tieghu kien qieghed jistenna li jmur il-perit, sar jaf minghand Dr. Vincent Galea li fuq talba tal-parti l-ohra kien inhareg mandat ***in factum*** kontra l-klijenti tieghu. Gharrfu wkoll li l-parti l-ohra kienet bidlet l-avukat. Hu kien sorpriz ghaliex ma' Dr. Zammit Maempel kien tkellem fis-sens li jzommu l-affarijiet kwieti sabiex kif qal jipprovaw iwasslu lill-partijiet ghall-kompromess u ssir l-qasma. Ikkonferma wkoll li l-klijent tieghu qatt ma kien inghata smiegh qabel il-Qorti tat id-digriet li permezz tieghu ordnat il-hrug tal-mandat ***in factum*** (numru 300/05). Sussegwentement kien sar rikors ghar-revoka tad-digriet li ordna l-hrug ta' mandat ***in factum***, izda dan kien gie michud mill-istess Qorti li ordnat il-hrug tal-mandat.

Xehed <u>Aldo Testone</u> li esebixxa vera kopja tal-original tal-mandat ***in factum*** numru 300/05.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut <u>Costantino Muscat</u>.

<u>Xehed Dr. Joseph Zammit Maempel</u> li qal li l-involviment tieghu f'dan il-kaz kien li hu kien l-avukat ta' Costantino Muscat u hutu. Qal li kien hemm korrispondenza biex jaraw jistghux isibu xi triq alternattiva biex jistghux jaslu. Qal li kienu kitbu wkoll forsi minghajr pregudizzju, ma

setax jiftakar, imma l-komunikazzjonijiet li kien hemm kienu fis-sens jistghux jippruvaw isibu triq ohra? Jekk ma jsibux triq ohra, is-sentenza terga' tigi ***in vigore***. Dwar il-korrispondenza qal li ma kienux qed jesegu llum ic-cavetta imma kienu qed jippruvaw infittxu alternattiva, u jekk ma jsibuhiex allura jergghu lura imma fl-ebda mument qatt ma qal li s-sentenza se jirrinunzjaw ghaliha. Ma kienx jaf li qatt instabet alternattiva, ghax darba minnhom Costantino kien ha fastidju fuq xi haga u mar ghand avukat iehor.

Kien hemm is-sentenza u sadanittant bdew trattativi fuq id-divizjoni. Qal li waqt it-trattattivi ghalkemm qatt ma qaluha, l-intendiment kien li s-sentenza kienet sospiza. Qatt ma qaluh dan pero` qal li jekk waqt it-trattattivi jipprova jesegwixxi s-sentenza jkun qed jisfratta dak li qed jippruvaw jaghmlu. F'dan is-sens qal izda qatt ma kien hemm intendiment li s-sentenza hija sospiza. Kieku qablu ma kienx ser jezigi c-cavetta u jekk ma jaqblux kien irid ic-cavetta. Dwar jekk kienx inkarigat xi perit dwar dan ir-razzett qal li hu ma nkariga lil hadd pero` ftakar li huma qalulu li se jiehdu parir ta' espert.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

L-atturi qed jitolbu b'dawn il-proceduri r-revoka tal-mandat ***in factum*** stante li dan il-mandat ma jistax jinhareg ghall-finijiet ta' ***obbligazione di dare***, u jista' jinhareg biss fil-konfront ta' ***obbligazione di fare***. Illi l-konvenuti eccepew li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li dan hu tentattiv iehor da parti tal-atturi sabiex jibqghu ma jhallux access liberu ghar-razzett u gardina maghrufa bhala ta' Zitellu f'Curved Street gja Triq tal-Macina, kontrada tan-Nigret, Zurrieq. Gie eccepit ukoll li l-obbligazzjoni li jithalla access liberu ghar-razzett u l-gardina in kwistjoni hija wahda ***di fare***.

Illi mhux ikkontestat li b'sentenza ta' din il-Qorti diversament ippreseduta tat-3 ta' Ottubru 2001, il-konvenuti gew ikkundannati jikkonsenjaw ic-cavetta/muftieh tal-fond imsemmi (a fol 48). Din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Ottubru 2004 fejn il-konjugi Muscat gew ordnati jaghtu

kopja tac-cwievet lill-appellati. (a fol 37). In segwitu, stante li l-konjugi Muscat baqghu ma ottemperewx ruhhom mas-sentenzi moghtija mill-Qorti, inhareg digriet ghal mandat ***in factum*** datat 17 ta’ Frar 2005 (a fol 59-60).

Illi minbarra l-mertu tal-kaz odjern, fin-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti, gie sottolineat li l-atturi ma mxewx korrettement proceduralment meta ntavolaw il-kaz odjern. Illi sar accenn ghall-Artikolu 283A tal-Kap 12 li jirregola l-fatt dwar kif jistghu jigu attakkati atti ezekuttivi li jipprovdi:
“Minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra, min jinhareg kontrih att ezekuttiv jista’ jaghmel rikors lil dik il-qorti li tkun harget dak l-att fejn jitlob li l-att ezekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f’parti minnu biss, ghal raguni valida skond il-ligi.”

Ghalhekk dan irid isir permezz ta’ rikors, u fl-istess artikolu subinciz 5, hemm specifikat li jkun hemm id-dritt ta’ appell li jsir b’rikors fi zmien sitt ijiem minn meta d-digriet jinqara fil-Qorti bil-miftuh, u li ghalhekk il-prezentata ta’ citazzjoni biex jigi attakkat digriet dwar mandati ezekuttivi mhux korrett. Saret referenza ghall-kaz fl-ismijiet **Darryl Francis Grima proprio et noe vs L-Onor. Prim Ministru et noe** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-21 ta’ Gunju 1988, fejn inghad li hemm tliet xorta ta’ digrieti, cioe` dawk definittivi, dawk interlokutorji u dawk li la huma definittivi u anqas interlokutorji u waqt li ghall-ewwel u t-tieni kategorija ta’ digrieti hemm appell ghat-tielet kategorija, appell dirett quddiem il-Qorti ma hemmx b’mod li min irid jimpunjah ma jistax jaghmel dan permezz ta’ appell dirett izda biss permezz ta’ citazzjoni in kontradittorju tal-kontro parti fil-Qorti. F’din il-kawza kien gie deciz li digriet dwar mandat kawtelatorju jaqa’ fit-tielet kategorija hax ma kienx definittiv “ghax ma hemmx kontroversja bejn il-partijiet u anqas ir-rabta lill-gudikant”, u anqas ma jista’ jigi kunsidrat bhala interlokutorju. Min-naha l-ohra digriet dwar mandat ezekuttiv hu definittiv billi jippresupponi kontroversja li tkun gja giet deciza bejn il-partijiet.

Fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet **Edward Pace vs Michael Sultana et** deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fil-5 ta' Mejju 2005 inghad :
…."ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huwa marbut mal-mertu nnifsu li bis-sahha tieghu l-istess att ezekuttiv ikun inhareg kemm hu hekk l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 238A jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor tal-istess Kodici jew xi ligi ohra."

Ikkunsidrat li ghalkemm l-atturi sostnew li kien biss waqt il-prezentata tan-nota tal-osservazzjonijiet li l-konvenuti ssollevaw il-punt procedurali tal-agir tal-atturi xorta wahda jinkombi li l-Qorti tezamina dan l-aspett minhabba li thoss li huwa wiehed ta' ordni pubbliku dwar dritt procedurali. Hu essenzjali li fil-proceduri quddiem il-Qrati dawn ikunu a tenur tal-ligi. Il-procedura biex jigi attakkat mandat kawtelatorju u wiehed ezekuttiv huma differenti.

L-artikolu 283A kien gie mizjud bl-Att XXIV tal-1995 u jitkellem specifikament kif l-atti ezekuttivi jistghu jigu attakkati u dan billi jsir rikors fil-Qorti li tkun harget l-att fejn jintalab li l-att ezekuttiv jithassar dejjem ghal raguni valida skond il-ligi. Dak l-Att kien jipprovdi li appell minn digriet jista' jsir b'rikors fi zmien sitt ijiem minn meta d-digriet jinqara fil-Qorti bil-miftuh, liema kliem ta' digriet jinqara fil-Qorti bil-miftuh thassar u gie sostitwit permezz tal-Att XXXI tal-2002 bil-kliem "jinghata d-digriet b'dan illi jekk it-talba tkun giet michuda, kollha jew in parti, l-appell m'ghandux izomm l-ezekuzzjoni tal-mandat fil-parti li jkun gie konfermat" izda ghalhekk jemergi car li l-legislatur ried li appell minn digriet taht l-artikolu 283A isir b'rikors. Issa d-digriet imsemmi tas-17 ta' Frar 2005 huwa certament wiehed li jinkwadra ruhu fl-artikolu 283A u seta' jigi attakkat billi jigi intavolat appell permezz ta' rikors u mhux citazzjoni. Il-procedura uzata mill-attur odjern hija irrita u nulla u l-azzjoni ezercitata mill-atturi mhix il-wahda korretta.

## E. KONKLUZJONIJIET:

Ghal dawn il-motivi tiddikjara li l-procedura uzata mill-atturi hija irrita u nulla u ghalhekk tichad it-talbiet attrici.

Spejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------